

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/2060

tas-6 ta' Novembru 2017

**dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tat-Tielet Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217, flimkien mal-punt (a)(i) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 6(2) tal-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, l-adeżjoni tal-Kroazja ma', fost l-oħrajn, il-Ftehim li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra <sup>(2)</sup> ("il-Ftehim") jeħtieġ li jkun maqbul permezz ta' protokoll għal dak il-Ftehim ("il-Protokoll"). F'konformità mal-Ftehim, għal tali adeżjoni tapplika proċedura ssimplifikata, li permezz tagħha jiġi konkluż protokoll mill-Kunsill, li jaġixxi unanimament fisem l-Istati Membri, u mill-pajjiż terz ikkonċernat.
- (2) Fl-14 ta' Settembru 2012, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mal-pajjiżi terzi kkonċernati fid-dawl tal-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni. In-negozjati maċ-Ċili ġew konklużi b'suċċess u l-Protokoll ġie ffirmat, fisem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fid-29 ta' Ġunju 2017 fi Brussell.
- (3) Jenħtieġ li l-Protokoll jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

It-Tielet Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha <sup>(3)</sup>.

<sup>(1)</sup> Approvazzjoni tal-14 ta' Settembru 2017 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(2)</sup> ĠU L 352, 30.12.2002, p. 3.

<sup>(3)</sup> Il-Protokoll ġie ppubblikat fil-ĠU L 196, 27.7.2017, flimkien mad-deċiżjoni dwar l-iffirmar tiegħu.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu, fisem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 14(1) tal-Protokoll.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Novembru 2017.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

T. TAMM

---